

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad – Pazardzhik (il-Bulgarija) fid-29 ta' Jannar 2020 – SF vs Teritorialna direksia na Natsionalna agentsia za prihodite – Plovdiv

(Kawża C-49/20)

(2020/C 137/50)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Rayonen sad – Pazardzhik

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SF

Konvenuta: Teritorialna direksia na Natsionalna agentsia za prihodite – Plovdiv

Domandi preliminari

L-ewwel domanda:

L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 ⁽¹⁾, ikkunsidrat fid-dawl tal-premessa 6 tal-preambolu tagħha u tal-Artikoli 4 u 5 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti dispożizzjoni legali ġenerali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali – li ttiprovdi li l-pagamenti fit-territorju nazzjonali għandhom jitwettqu biss permezz ta' trasferiment jew ta' depożitu f'kont ta' hłas meta l-ammont tagħhom ikun ta' 10 000 lev Bulgaru (BGN) jew iktar – mingħajr ma tiegħu inkunsiderazzjoni s-suġġett u r-raġuni għall-hłas fi flus kontanti billi tkopri l-hłasijiet kollha fi flus kontanti bejn persuni fiżiċi u ġuridiċi?

It-tieni domanda:

Bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva, previsti fil-premessa 59 tal-preambolu tagħha, il-pagamenti għandhom ikunu permessi fuq il-bażi biss tal-ammont tagħhom, irrispettivament minn jekk hemmx korrispettiv jew le għat-tranżazzjoni?

It-tielet domanda:

Liema huma l-kriterji għal livell ta' vulnerabbiltà, jew rispettivament għal livell għoli ta' riskju, tat-tranżazzjonijiet?

⁽¹⁾ Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-12 ta' Frar 2020 – Anklagemyndigheden vs VAS Shipping ApS

(Kawża C-71/20)

(2020/C 137/51)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Anklagemyndigheden

Konvenuta: VAS Shipping ApS

Domanda preliminari

L-Artikolu 49 TFUE jipprekludi leġislazzjoni ta' Stat Membru li tobbliga lil ħaddiema ċittadini ta' pajjiżi terzi li jagħmlu parti minn ekwipaġġ ta' bastiment li jtajjar il-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat, proprjetà ta' sid ta' bastiment li huwa ċittadin ta' Stat Membru ieħor, ikollhom permess ta' xogħol, ħlief jekk il-bastiment jidħol fil-port tal-Istat Membru kkonċernat għal massimu ta' 25 darba kkalkolati kontinwament matul il-perijodu tas-sena preċedenti?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Litwanja) fit-13 ta' Frar 2020 – AB Lifosavs Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos

(Kawża C-75/20)

(2020/C 137/52)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: AB Lifosa AB

Konvenut: Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos (id-Dipartiment tad-Dwana fil-Ministeru għall-Finanzi tar-Repubblika tal-Litwanja)

Domanda preliminari

L-Artikoli 29(1) u 32(1)(e)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ⁽¹⁾ tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità u l-Artikoli 70(1) u 71(1)(e)(i) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-valur (fid-dwana) tat-tranżazzjoni għandu jiġi aġġustat billi jiġu inklużi miegħu l-ispejjeż kollha effettivament sostnuti mill-bejjieġh (produttur) għat-trasport tal-merkanzija sal-post fejn tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea (il-Komunità) meta, bħal f'din il-kawża, (1) l-obbligu li jiġu koperti dawn l-ispejjeż kien impost fuq il-bejjieġh (produttur) skont il-kundizzjonijiet ta' kunsinna ("Incoterms 2000" – DAF) u (2) dawn l-ispejjeż ta' trasport kienu jeċċedu l-prezz miftiehem u realment imħallas (li għandu jitħallas) mix-xerrej (importatur), iżda (3) il-prezz realment imħallas (li għandu jitħallas) mix-xerrej (importatur) kien jikkorrispondi mal-valur reali tal-merkanzija, anki jekk ma kienx suffiċjenti sabiex ikopri l-ispejjeż kollha ta' trasport sostnuti mill-bejjieġh (produttur)?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.

⁽²⁾ ĠU 2013, L 269, p. 1, u rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (l-Irlanda) fit-13 ta' Frar 2020 – K. M. vs Director of Public Prosecutions

(Kawża C-77/20)

(2020/C 137/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

Court of Appeal

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: K. M.

Konvenut: Director of Public Prosecutions